KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 18/7/194/16

**Minuti tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 18 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tnejn **30 ta' Ġunju 2016**. Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Nicholas Seychell- *Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat- *Kunsillier* |
| | |
| | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |
| **Skużati:** | Ivan Bartolo- *Kunsillier* |
| | |
| | Neil J. Tirchett-*L-ambaxxatur taż-żgħażagħ* |
| **Assenti:** | - |

## 1. Offerti

1.1. Is-Sindku informa l-membri illi din il-laqgħa kellha tissejjaħ b'rabta mat-tender numru 1/2016 u wara li issa tlesta l-proċess tal-evalwazzjoni minn bord indipendenti li għamel xogħol tajjeb ħafna u daħal f'diversi dettalji. Il-Kunsillier Muscat qal li hawn problema f'dan il-Kunsill li tant ma nafdawx lil xulxin li kellna immorru għall-bord indipendenti. Il-Viċi Sindku irrisponda li huwa kien parti mill-bord l-antik u qabel fl-aħħar laqgħa li għandu jkun maħtur bord indipendenti.

1.2. Dwar l-offerta numru 1/2016 is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-bord indipendenti kien evalwa l-offerti li twasslu u kompla billi ppreżenta lil membri ir-rapport ta' evalwazzjoni b'rabta mal-istess tender u spjega kif l-istess bord wasal għall-għażla tal-iktar offerta valida vantaġġuża. Is-Segretarju Eżekuttiv għaldaqstant kompla billi qal li l-bord li evalwa l-offerti kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jagħti l-offerta numru 1/2016 lil Saviour Mifsud għall-prezz ta' €43,450 fis-sena bla VAT bħala l-aktar offerta valida vantaġġuża.

1.3. Il-Kunsillier Spiteri staqsa jekk l-ammont huwiex iktar minn dak li l-Kunsill qed iħallas preżentement u s-Segretarju qallu li huwa ftit aktar fid-dawl anke li żdiedu ir-rotot mitluba mill-istess kuntratt.

1.4. Il-Kunsillier Muscat qal li qatt ma jista' jaqbel mal-għażla ta' bord indipendenti li ma jafx min huma. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsillier li dawn id-dettalji kienu twasslu u ġew diskussi fl-aħħar laqgħa b'urġenza li sargħet u kompla billi ta' l-informazzjoni dwar il-kredenzjali ta' dawk li kienu parti mill-bord.

1.5. Il-Kunsillier Lynch staqsa jekk hux l-offerti kollha kellhom l-ammont ta' ħaddiema mitlub mill-Kunsill u s-Segretarju irrisponda illi l-Kunsill kien issuġġerixxa li l-kuntratt jitħaddem minn mhux inqas minn 5 ħaddiema. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Seychell dwar il-ħaddiema, is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li l-Kunsill inkluda fit-tender skeda ta' kif għandu isir il-knis u l-kuntratturi umbagħad iridu jaraw li jżommu ma dik l-iskeda u jniżżlu kemm ħaddiema għandom bżonn biex jagħmlu dik l-iskeda li jista' jkun minnhom ikollhom minn impjegat *full time* u minn impjegat pa*rt-time*. Il-Kunsillier Seychell staqsa għalfejn allura it-tender jissuġġerixxi numru ta' ħaddiema. Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda lil Kunsillier u qallu illi it-tender kien approvat mill-Kunsill u anke ġie diskuss linja b'linja miegħu bħala kunsillier responsabbli mill-ambjent u għaldaqstant kellu iċ-ċans kollu illi jara li dak li ma japplikax ma jiġix inkluż.

1.6. Wara din id-diskussjoni is-Sindku ippropona illi l-Kunsill japprova ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-bord u japprova ir-rakkomandazzjoni kif innota fir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta 1/2016. Wara li ġie irreġistrat nuqqas ta' qbil is-Sindku talab vot liema vot irriżulta hekk:

1.6.1. **Favur**: Sindku Dominic Grima, Viċi Sindku Steven Axisa, Kunsilliera Roderick Spiteri u Bernard Lynch.

1.6.2. **Kontra**: Kunsilliera Nicholas Seychell u Tyrone Muscat

1.7. Il-Kunsillier Muscat staqsa jekk f'dan il-każ il-Kunsillier Ivan Bartolo jistax jivvota u tenna jekk huwa kienx jaf li ħa jittieħed dan il-vot. Is-Sindku informa lil Kunsillier illi persuna li ma kienitx preżenti ma tista' qatt tivvota u s-Segretarju informa lil mejda illi l-Kunsillier Bartolo tant kien jaf bil-laqgħa illi huwa kien informa lil Kunsill li ma kienx ser jattendi.

1.8. Il-Kunsillier Spiteri qal li wara l-esperjenza ta' dawn it-tenders kif ukoll fid-dawl tat-tibdil li qed isir bit-tenders online, ikun għaqli għal-Kunsill li jintalab is-servizz ta' terzi u nies tekniċi sabiex jippreparaw it-tenders tal-Kunsill filwaqt li jkun hemm diskussjoni qabel jinħatar bord ta' evalwazzjoni li jista' jkun magħmul ukoll minn esperti. Il-membri approvaw.

1.9. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi fid-dawl li l-estensjoni tal-kuntratti tal-knis u l-ġbir ta' skart jiskadu fl-aħħar ta' Ġunju hemm bżonn naraw kif ser naċċertaw li s-servizzi tal-ġbir ta' skart u knis jibqaw jingħataw. Għaldaqstant il-membri approvaw illi sakemm jiġu iffirmati il-kuntratti jiġu estiżi il-kuntratti mal-kuntrattur preżenti.

1.10. Il-Kunsilleri Lynch ippropona li l-kuntratti l-ġodda ma jkunux jagħlqu qabel il-festa. Il-membri approvaw.

1.11. B'rabta ma' offerta oħra li kien qed jaħdem fuqha il-Kunsill Lokali, dik ta' *air conditioner* għas-sala, is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi wara li sar ix-xogħol mill-Perit tal-Kunsill inġabru il-kwotazzjonijiet u wara li evalwaw il-kwotazzjonijiet miġbura il-membri qablu li jagħżlu l-offerta tal-KenCar Ltd.

1.12. Il-Laqgħa spiċċat fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

**Data**: 20 ta' Lulju 2016